MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 308/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Abdilla)**
**Vs**

**Matthew Portelli O'Toole**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Mejju, 2005, waqt li kien gewwa Triq Dragonara, San Giljan :
1) ingurja jew hedded lil PC 1194 u PC 773, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

2) naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi mghottija lilu mill-istess Pulizija, ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallix jew fixkel lil Pulizija waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b’Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel;
3) irrifjuta li jaghti, jew ta falz, lill-ufficjal pubbliku li kien qed jaghmel id-dmirjiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra;
4) qal kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Ottubru, 2005, li biha wara li rat l-Artikolu 95(1), 338(ee), 338(gg) u 338(bb), 342 u 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati biss talli ingurja w hedded lill-imsemmija Pulizija skond l-ewwel imputazzjoni kif ukoll tat-tieni, it-tielet u r-raba’ akkuza w ikkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ghal perjodu ta’ tlett (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta’ Novembru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontrih u kkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija w konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi w f’kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti :- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti ; 2. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezament hazin tal-ligi u dan ghax l-akkuzi fl-artikoli 338(ee), 338 (gg) u 338(bb) tal-Kap.9 huma preskritti ai termini tal-preskrizzjoni trimestrali; u 3. li l-piena ta’ tlitt xhur prigunerija kienet eccessiva w harxa izzejjed.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Semghet it-trattazzjoni,**

**Rat in-Nota tal-Avukat Generali li biha esebixxa r-riferta ta' l-appellant li giet markata Dok. STL 1.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi u ovvju li l-ewwel u qabel kollox irid jigi investit it-tieni aggravju li jirrigwarda l-preskrizzjoni tal-akkuzi li jaqghu taht l-artikoli indikati fir-rikors tal-appell u cioe' it-tieni imputazzjoni li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, (Art. 338 (ee) ); it-tielet imputazzjoni li rrifjuta li jaghti jew ta falz lill-ufficjal pubbliku li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet (Art. 338 (g) - mhux (gg) kif erronjament indikat fir-rikors tal-appell) u tar-raba imputazzjoni li qal kliem fahxi li jikkonsisti f' dagha fil-pubbliku (art.338 (bb) ).**

**Illi ma hemmx dubju li dawn it-tlitt reati huma ta' natura kontravvenzjonali w ghalhekk preskritti bil-passagg ta' tlitt xhur mill-kommissjoni tal-allegati kontravvenzjonijiet skond l-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali .**

**Issa l-kontravvenzjonijiet allegatament gew kommessi fit-23 ta' Mejju, 2005 u ghalhekk il-preskrizzjoni relattiva kienet tiskadi fit-23 ta' Awwissu, 2005. Illi mill-original tal-komparixxi (fol. 1) jidher li c-citazzjoni giet iffirmata mill-Ispettur fis-7 ta' Gunju, 2005. Illi pero' mir-riferta esebita (Dok. STL 1) jidher li, ghalkemm din l-Order for Service of Citations kellha miktub fuqha bil-linka hamra *"Deliver Before 22/08/05"*, hi giet biss konsenjata lill-appellant fit-**28 ta' Settembru, 2005**. Ghalhekk ma hemmx dubju li dawn it-tlitt akkuzi huma preskritti skond il-ligi w kwindi t-tieni aggravju tal-appellant hu gustifikat.**

L-ewwel aggravju issa jirrigwarda biss l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti dwar l-ewwel imputazzjoni w cioe' dik li ingurja jew hedded lil PC 1194 u PC 773, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minnhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Ikkonsidrat;

Li mix-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija nvoluti, jidher li l-appellant, ghall-ebda raguni immaginbbli, ndahal fejn ma jesahx meta rahom qed jaghtu xi citazzjoni tat-traffic fejn vettura li kienet ipparkjata hazin u dahal f' polemika maghhom bla bzonn li kull ma tmur bdiet teskala sakemm spicca arrestat.

Di fatti**, PC 1194 CHRISTOPHER DEBRINCAT** xehed li fit-23 ta' Mejju, 2005, ghall-habta tal-12.30 am hu kien ma PC 773 jaghtu t-*tickets* f' San Giljan meta avvicinhom l-appellant u qalilhom *"Hallieh, siehbi hallieh. Ha toqghod taghti ticket lil dik il-karozza?"* Hu kien wiegeb lill-appellant : *"Hallini Habib. Ittellifnix f'xogholi."*. L-appellant qallu *"U ejja kemm int l..a!".* Qallu *"Ahdar*" u *"Ser twahhlu ghoxrin lira multa."* ukoll. Hu wiegeb lill-appellant u qallu : *"Ejja hawhekk hi halli nurik kemm jien ahdar u hekk. Iva ghoxrin lira multa, hallini."* Umbaghad talbu l-*particulars* tieghu w l-appellant tahomlu bhala *"Mark Tonna*" u. Hu kien cempel bil-*mobile phone* l-ghassa San Giljan biex jiccekkja dawn il-*particulars* u sab li kienu foloz. Wara ftit l-appellant beda' jheddu li hu jaf lill-Ispettur Tonna w hu kien qal lill-appellant *"Jien ma jinteressanix lil min taf."* U l-appellant baqa' jheddu. Rega' talbu l-*particulars* u l-appellant rega' tahomlu hziena w allura hu qal lill-appellant: *"Ha narrestak.*" u talbu biex jimxi mieghu bil-kwiet sa fejn il-van tal-Pulizija li kienet bejn Triq San Gorg u Dragonara Road. L-appellant mexa' mieghu . X' hin waslu hdejn il-van, rega' talbu l-*particulars* u l-appellant rega' rrifjuta li jaghtihomlu w huma dahhluh fil-van. Hawn l-appellant beda jheddu bil-Ministru Gatt u jghid: *"Ha nkeccikom u transfers u hekk."* Dagha bil-Madonna ghal

hafna drabi. Umbghad rega tah il-*partriculars* u rega tahomlu bl-I D card number skorrett ghax minnflok 97284 beda jaghtihulu bit-3. Fl-ahhar tahulu bil-4 u meta ccekkja, sab li kien tajjeb. Imbaghad kompla jheddidhom b' Austin Gatt u l-Ispettur Tonna. Meta l-appellant kien hiereg mill-van wara li qalulu li ser jirraportawh, hadilhom in-numri u kompla jheddidhom *"Issa tkunu tafu.".* Telaq imma rega' mar lura hdejhom tlitt darbiet konsekuttivi u hu qallu : *"Hu n-numru. Jien qieghed l-Ghassa ta'San Giljan. Mhux problema. Jekk tahseb li jiena ghamiltlek xi haga hazina, inti taf."*

In kontroezami, x-xhud qal li l-appellant kien ma ragel iehor imma dan ma ghamel xejn u ma hadulux il-*particulars* tieghu ghax ma ghamel xejn hazin u ma kienx mar maghhom hdejn il-van. L-incident originali ma kienx kwistjoni, kif kien qed jissuggerixxi l-avukat difensur, ghax l-appellant baqa' hemmhekk jindirizzah b' dak il-kliem. Fil-van kien hemm is-Surgent u Pulizija iehor. L-appellant kienu sarulu mhux manetti imma *"cable tights".*

**PC 773 RYAN TONNA** kkorrobora lix-xhud precedenti dwar il-mod kif l-appellant indahal f' xogholhom waqt li qed jaghtu t-*tickets*, u kif ghal, tlitt darbiet wara xulxin, tahom il-particulars foloz u hziena w tahom kollox bil-kunjom Tonna. Meta fil-van talbuh isem ommu beda jxejjer idu w  jghid : *"L-ommi tmissuhiex, l-omi m'ghandkomx x'tambuha."* u beda jidghi bil-Madonna. Wara li nizzluh mill-van beda jdur maghhom u johdilhom in-numri  ghal xi tlitt darbiet u jheddidhom b' Austin Gatt u jghidilhom : "*Issa taraw Austin Gatt x' jaghmlilkom!"* u hafna diskors hekk. Intqal kliem baxx imma ma jiftakarx ezatt x' kien.

**L-APPELLANT** xehed li hu kien niezel Dragonara Road u kien hemm zewg pulizija w bdew jiktbu c-citazzjonijiet lil karozza ipparkjatha li ma jafx ta' min kienet u hu qallu : "*Ghalfejn ser taghtih citazzjon?".* Il-Pulizija qallu : *"Ejja 'l hawn ha niurik x' ma natih xejn."* Hu mar hdejn il-Pulizija bla rezistenza u l-Pulizija kompla jikteb ic-citazzjoniu u kif lesta, dahhal il-ktieb fol-glekk u qallu: *"Tini l-particulars tieghek tajbin."* u hu wiegbu *"Mark Tonna.",* bl-indirizz

tajjeb pero’ bl-ID number bl-ahhar digit zbaljat ghax beza’. Il-Pulizija cempel l-ghassa w qallu : *“Erga tihomli. “* u hu aktar beza w raga’ tahomlu hazin. Qallu : “*Ejja mieghi”* u telghu fuq bla ebda rezistenza w ordnalu jitla’ fil-van u joqghod bil-qeghda fil-van u lill-habib tieghu qallu biex joqghod fuq il-bankina w jimxi. Rega’ talbu l-*particulars* umbaghad hu tahomlu tajbin. Cahad li kien dagha bil-Madonna, li ghajjar lill-Pulizija b’ kelma pastaza, li beda jghid li jaf lill-Ispettur Tonna w li ser jiehu passi kontra taghhom u li semma li Austin Gatt ser ikeccihom.

Wara li tah il-*particulars* korretti, Il-Pulizija lill-ghassa qalilhom : *“Itilghu ghalih.”* Hu dar lejn is-Surgent u qallu : *“Surgent jekk ha tarrestani , jiena rrid Avukat*.” Il-Pulizija tal-faccata tieghu beda jghajjat go wiccu u sabbtu mall-bieba tal-van u Pulizija iehor qallu “*Qum bil-wieqfa. Dur wiccek mal-pjanci u ghamel idejk mall-dana u ohrog l-affarijiet kollha minn gol-but.”* Hu hareg il-kartiera, mobile u cwievet u l-Pulizija beda’ jfittixlu u qallu *“Itfa’ idek wara.”* u rabatlu l-cable ma idu. Pogga bil-qeghda w l-Pulizija kompla jghajjat mieghu w jimbuttah . Wara zewg minuti qallu *“Qum bil-wieqfa.”* u qallu: “Dur.”, fetahlu l-cable u tah l-affarijiet. Fetahlu l-bieba tal-van u qallu: *“Inzel.”* u hu nizel u sab lil siehbu jistennieh u meta siehbu staqsieh xi gralu qallu w hu qallu x’ kien gara gol-van, siehbu qallu halli jmur igib in-numru ta’ min imbuttah. Imbaghad huma telqu l-isfel u nizlu lejn id-dar.

Lill-Austin Gatt ma semmiehx. Lil Mario Tonna l-Ispettur ma jafux hlief fuq it-Television fuq il-kazi li jkollu. Hu skuza ruhu quddiem il-Magistrat u jerga jiskuza ruhu ghal dak li gara dwar tal-*particulars* foloz. Hu kien xorob xi hames vodka dak in-nhar. Ghandu 22 sena.

Fil-kors ta’ konfronti maz-zewg kuntistabbli li xehdu kontra tieghu, kemm l-appellant kif ukoll iz-zewg xhieda tal-prosekuzzjoni sostnew dak li kienu gja xehdu.

Ikkonsidrat;

Illi wara li xtarret sew it-tlitt depozizzjoinijiet fuq riprodotti in succinto, tara li l-versjoni moghtija minn PC Debrincat u

PC Tonna hija aktar attendibbli minn dik tal-appellant u din il-Qorti hija moralment konvinta li l-appellant dak in-nhar indahal bla bzonn u b' certa insistenza fix-xoghol tal-Pulizija meta rahom iharrku lil haddiehor li lanqas biss jaf min kien. Dan l-agir tal-appellant seta' u x' aktarx kien dovut ghal fatt li kien xorob xi hames vodka, kif qal hu stess, jew ghal xi spavalderija. Meta l-Pulizija, kif kellhom kull dritt li jaghmlu, talbuh il-*particulars* tieghu, ghal tlitt darbiet tahomlhom skorretti b' mod jew iehor. Din il-Qorti hi moralment konvinta w sodisfatta li l-appellant ingurja lill-PC Debrincat billi qallu "L..a u ahdar" u li qal il-kliem dwar l-Ispettur Mario Tonna w l-Ministru Gatt u li dan ghamlu biex jipprova jintimida liz-zewg kuntistabbli. Ormai hu risaput li hija prattika komuni f'dawn il-Gzejjer li kif Pulizija jwissi, jew jipprova jharrek bniedem jew addirittura jarrestah, jibdew jizzefnu l-ismijiet ta' politici bhala *"bluff"* ta' dak li jkun, biex jehles mill-attenzjoini tal-Pulizija li tkun qed taghmel xogholha. Fil-fehma ta' din il-Qorti li persuna tghid lil Pulizija li qed jaghmel id-dover tieghu hu x' inhu, li ser tirraportah lil xi Ministru tal-Gvern, jikkostitwixxi theddid, partikolarment meta, kif irrizulta ukoll f'dan il-kaz, issemmew mill-appellant ukoll tkeccija mill-Korp u *transfers*. Li dan il-kliem intqal fil-konfront ta' persuna inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew biex jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz jirrizulta manifestament.

Ghalhekk l-apprezzament tal-Ewwel Qorti dwar il-fatti in kwantu jolqtu l-ewwel imputazzjoni kien wiehed altru milli korrett fuq ir-rizultanzi f' dan il-kaz. Konsegwentement l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi dwar il-piena, r-reat taht l-ewwel imputazzjoni jaqa' taht l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jiddisponi li l-piena li ghandu jehel min jinstab hati hi dik tal-ingurja w ghat-theddid, meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu, mizjuda bi grad. Pero' s-subartikolu (2) jiddisponi li l-piena ma tizdiedx meta hija dik stabilita ghall-kontravvenzjonijiet. Issa f' dan il-kaz kemm ir-reat tal-

ingurja kif ukoll dak ta’ theddid jaqa’ taht l-artikolu 339 (1) (e) u dak tal-ingurja li ssir bi kliem mhux imfisser car jew b’ canfir mhux specifikat inkella bi kliem li jkun biss mhux xieraq, jaqa’ taht l-artikolu 252 (2)  tal-Kap.9. L-artikolu 339 (1) (e) johloq reat ta’ natura kontravvenzjonali mentri l-artikolu 252, li jittratta dwar delitt, fis-sub-inciz (2) jiddisponi li l-piena hija dik tal-kontravvenzjonijiet . Ghalhekk il-piena applikabbli fiz-zewg ipotisijiet li tahthom jistghu jiffiguraw it-theddid u l-ingurji hija dik tal-kontravvenzjonijiet u ergo ma tizdiedx bi grad, skond l-artikolu 95 (2) kif fuq intqal.

Issa fil-waqt li allura r-reat kontemplat fl-artikolu 95 (2) tal-Kap.9 konsistenti f’ theddid lil persuna ta’ wiehed inkarikat minn servizz pubbliku hu delitt soggett  ghall-piena tal-kontravvenzjonijiet u ergo preskrivibbli bl-eghluq ta’ sentejn mill-kommissjoni tar-reat skond l-artikolu 688 (e) tal-Kodici Kriminali , l-istess reat konsistenti f’ingurji bil-fomm kemm jekk jaqghu taht l-artikolu 339 (1) (e) li jipprovdi ghall-reat kontravvenzjonali , kif ukoll jekk jaqghu taht l-artikolu 252 (2), skond l-artikolu 688 (f) huwa preskrivibbli bl-eghluq ta’ tlitt xhur.

Ghalhekk  jigi ukoll li anki dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni li tirrigwarda l-ingurji bil-fomm li allegatament l-appellant irrivolga lill-kuntistabbli hija preskritta bl-eghluq ta’ tlitt xhur mill-kommissjoni tal-allegat reat.

Illi ghalkemm l-appellant ma eccepiex il-preskrizzjoni dwar din il-parti tal-ewwel imputazzjoni , din il-Qorti hija fl-obbligu li tapplika l-preskrizzjoni anki “ex officio” u l-akkuzat ma jistax jirrinunzja ghaliha skond l-artikolu 694 tal-Kodici Kriminali.  Ghalhekk din il-Qorti qed tiddikjara ukoll dik il-parti ta’ l-ewwel imputazzjoni li hija bazata fuq ingurji bil-fomm li rrizultaw li jikkonsistu fi kliem mhux imfisser car jew b’ canfir mhux specifikat inkella bi kliem li kien biss mhux xieraq , bhala preskritta bl-eghluq ta’ tlitt xhur skond il-ligi.

Ikkonsidrat;

Ghalhekk l-appellant irid jirrispondi biss ghall-htija tal-ewwel imputazzjoni in kwantu din tikkonsisti biss f' theddid lil persuna ta' wiehed inkarikat minn servizz pubbliku, reat li hu punibbli bil-piena tal-kontravvenzjonijiet , u ergo ma jizdiedx bi grad.

Issa, skond l-artikolu 7 tal-Kodici Kriminali l-piena ghall-kontravvenzjonijiet hija dik tad-detenzjoni sa massimu ta' xaharejn (art. 12(2) ) jew tal-ammenda, b'massimu ta' hamsa w ghoxrin lira (art. 13 (1)) jew c-canfira jew it-twiddiba. Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet legalment teroga l-piena ta' tlitt xhur prigunerija ta' tlitt xhur kif ghamlet fis-sentenza appellata w dan l-aggravju, ghal din ir-raguni, hu gustifikat.

Ikkonsidrat,

Illi ghalkemm mil-fedina penali tal-appellant jidher li hu *first time offender* u ghandu biss tnejn u ghoxrin sena, mill-banda l-ohra il-Qrati ma jistghux jittrattaw kazijiet bhal dawn fejn ikunu mhedda ufficjali tal-Korp tal-Pulizija, waqt li qed jaqdu dmirijiethom - kulltant f' sitwazzjonijiet difficli w delikati - b' leggerezza, qiesu ma gara xejn, bhallikieku l-Pulizija qieghed hemm biex jigi mzeblah, sfidat, u mhedded.

Illi jidher li l-appellant seta' kien taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku eccessiv meta pprovoka dan l-incident bla bzonn, pero' dan bl-ebda mod ma jiskuzah.

Ghalhekk, wara li rriflettiet fit-tul dwar il-piena xierqa f' dan il-kaz, kollu kemm hu krejat mill-appellant ghal xejn b' xejn, jidher li xorta wahda ghandu jkun hemm piena restrittiva tal-liberta'.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet htija dwar it-tieni, t-tielet u r-raba imputazzjonijiet u dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni li tirrigwarda ingurji bil-fomm lill-persuni ta' ufficjali inkarikati minn servizz pubbliku, billi dawn jirrizultaw preskritti w in kwantu kkundannat lill-appellant ghal tlitt xhur prigunerija

w tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni biss in kwantu din tikkonsisti f' theddid ta' persuni ta' zewg kuntistabbli nkarikati minn servizz pubbliku w, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundanna lill-appellant ghal hmistax il-jum detenzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------